MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Numru. 644/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
WANIS SALEM ELTERAIKI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wanis Salem Elteraiki ta’ 21 sena imwieled Tawrgha Tripoli il-Libja fit-18 t’Awissu 1981 bin Salem u Ajjada residenti post mhux maghruf u detentur tal-passaport nru H749718 talli fid-9 t’Awissu 2002 bejn ghall-habta ta’ 00.30am gewwa triq Dragunara San Giljan hebb sabiex jingurja u jaghael hsara ufficjali pubblici tal-korp tal-pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom barra li heddidhom bi kliem u b’gest sabiex jinfluwixxi fuqhom jew jbezzamilli jaghmlu il-qadi ta’ dmirijiethom fejn ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS1113 E Aquilina Dr P Degabriele MD tac-centru tas-Sahha u dan ai termini tal-Artikoli 96 u 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi waqt li kien qeighed mizmum that detenzjoni gewwa triq dragunara San Giljan that il-kustodja ta' PS1113 E Aquilina, PC756 u PC597 harab mill-kustodja tal-pulizija u dan ai termini tal-artikolu 151 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli minghajr ma inghat peremss ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess ta' l-ufficjali principalita' l-Immigrazzjoni, u irrenda ruhu immigrant ipprojbit bi ksur ta' l-artikolu 5(1) tal-kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 95, 96, 151 tal-kap 9 Art 5(1) u 5(2) u 15 tal-kap 217 tikkundanna lill-imputat ghal xahrejn u nofs prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv u in oltre tordna t-tkeccija tieghu min dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.